MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## LAWRENCE QUINTANO

Seduta tad-29 ta' April, 2014

Appell Kriminali Numru. 564/2012

**Il-Pulizija**

**(Spettur Dennis Theuma)**

**Vs**

**Vincent Attard**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Vincent Attard detentur tal-karta tal-identita` numru 50276(M), quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli f'dawn il-Gzejjer fis-27 ta' Frar 2007 u fil-jiem ta' qabel

a) kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas milli jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-30 ta' Novembru, 2012, fejn il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet 4 u 6, l-Artikoli 22(1)(a) u 22 (2) (b) (ii) tal-Kapitolu 101 u r-Regolament 9 tal-GN 292/1939, sabet lill-imputat hati ta' l-imputazzjoni miġjuba kontra tieghu, u kkundannatu għal piena karċerarja ta' erba' (4) xhur ħabs (priġunerija) effettivi.

In oltre a tenur ta' l-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ordnat lill-imputat iħallas l-ispejjez ta' l-esperti nominati fl-inkjesta.

Ordna d-distruzzjoni tal-affarijiet esebiti taht il-harsien tar-Registratur.

Rat ir-rikors tal-appellant Vincent Mercieca minnu ppreżentat fl-4 ta' Dicembru, 2012, li bih talab li din il-Qorti jogħġobha tirriforma s-sentenza appellata u cioe dik f'l-ismijiet premessi, moghtija mill-Qorti tal-Magistrati Malta bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, fit-30 ta' Novembru 2012, dan billi tikkonfermaha fejn sabitu ħati taħt l-akkuża dedotta u tvarjaha in kwantu għal piena inflitta u tipprovdi għall-piena aktar idonea u mita, u tħassarha f'dik il-parti fejn ikkundannat lill-imputat iħallas l-ispejjeż inkorsi għall-ispejjeż tal-esperti maħtura fl-inkjesta.

Fliet l-atti kollha proċesswali.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellat esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant fil-qosor, huwa s-segwenti u cioe':-

Illi l-piena fic-cirkostanzi kienet eċċessiva.

Illi hawn si tratta ta' sejba ta' tracci biss. Tant l-ammont kien zgħir, li l-anqas biss seta’ jigi immeżurat

Illi naturalment, din iċ-ċirkostanza ewlenija kellha tigi mehuda in konsiderazzjoni. Kellu jiġi meħud in konsiderazzjoni wkoll illi dan il-kaz jirrisali lura għal madwar ħames snin.

Illi f'dawn il-kazi sar pależi skond il-ġurisprudenza nostrali, li f'dawn it-tip ta' kawżi l-iskop ewlieni tal-piena ghandha tkun ir-riforma u l-għajnuna lill-imputat, u mhux sservi biss bħala kastig jew retribuzzjoni.

Illi l-esponent illum jinsab l-isptar Monte Carmeli, fil-forensic ward, fejn qed jingħata għajnuna akkurata minħabba fil-problemi i personali tieghu.

Illi in oltre jinghad li l-Ewwel Qorti ma setatx tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez tal-inkjesta, fit-termini tal-artiklu 533, minhabba li dawn l-esperti ma ġewx ikkonfermati fil-ħatra tagħhom minn din il-Qorti.

Konsiderazzjonijiet ta’ din il-Qorti

L-aggravju ewlienti ta' dan l-appell huwa dwar il-piena. Dan huwa każ ta' pusess sempliċi ta' droga. Il-Pulizija kienu sabu diversi biċċiet ta' foil fil-kamra fejn kien l-appellant li ammetta li kienu tiegħu kif jirriżulta mill-verbal a fol 18. L-espert maħtur mill-Qorti ikkonferma li s-sustanza kienet erojina.(fol 27).

Il-Qorti tal-Maġistrati kienet ikkonsidrat li l-appellant kellu d-droga u li kien ikkonsmaha. Barra dan kienet ikkonsidrat li l-appellant kien ingħata diversi opportunatijiet biex jirriforma u jieqaf mill-abbuż tad-droga iżda l-problema baqgħet tippersisti tlettax-il sena wara li bdiet.

Fil-fehma ta' din il-Qorti l-fatti msemmija mill-Qorti tal-Maġistrati huma eżatti u huma riflessjoni ta' dak li jirriżulta mill-fedina penali. Iżda minħabba li l-imputazzjoni hija waħda ta' pussess sempliċi u mhux pussess aggravat jew traffikar, il-piena tista' tkun waħda ta' ħlas ta' multa kif ser jidher indikat aktar 'l isfel f'din is-sentenza waqt li l-appellant jibqa' jieħu l-kura jekk fid-data ta' din is-sentenza jkun għad hemm ħtieġa tagħha. Għalhekk il-Qorti qed tilqa' dan l-ewwel aggravju dwar bdil fil-piena kif ser jidher fil-konklużjoni.

It-tieni aggravju huwa dwar l-ispejjeż konnessi mal-ħatriet tal-esperti. L-appellant jissottometti li la dawn ma ġewx ikkonfermati, allura l-appellant m'għandux ikun ikkundannat iħallas l-ispejjeż.

Il-Qorti tosserva li l-ewwelnett, l-esperti kienu kkonfermati (ara fol 17). It-tieni li l-Kap 9 mkien ma jesiġi li l-esperti jkunu ikkonfermati sabiex il-Qorti tordna l-ġbir tal-ispejjeż assoċjat max-xogħol mwettaq minnhom.

Għaldaqstant il-Qorti qed tiċħad it-tieni aggravju.

**Konklużjoni**

**Għalhekk il-Qorti qed tilqa' l-ewwel aggravju tal-appellant u tiċħad it-tieni wieħed. Konsegwentement qed tirriforma s-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati fl-ismijiet premessi nhar it-tletin ta' Novembru 2012 billi filwaqt li tikkonfermaha fejn sabet lill-appellant ħati tal-imputazzjoni dedotta kontrih u fejn ikkundannatu jħallas l-ispejjeż tal-esperti skont l-artikolu 533 tal-Kap 9, qed tirriformaha f'dik il-parti fejn ikkundannat lill-appellant għal piena ta' erba' xhur priġunerija u minflok, wara li kkonsidrat il-fedina penali tal-appellant u ċ-ċirkostanzi li fihom instabet id-droga, qed tikkundannah iħallas multa ta' €600 liema multa għandha titħallas fi żmien ħames xhur mil-lum. L-ispejjeż tal-esperti għandhom jitħallsu fi żmien xahar mill-għoti ta' din is-sentenza.**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------